# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

# IMĦALLEF

# ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

**Rik. Nru. 1062/20JRM**

Fl-Atti tar-Rikors għall-Ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni Numru 1062/20 fl-ismijiet:

**IAS LIMITED (C – 12202)**

vs

George **FELICE** u martu Maria Felice-Klaumann

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq fit-12 ta' Awwissu, 2020, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, il-kumpannija rikorrenti talbet li din il-Qorti toħroġ Mandat ta' Inibizzjoni biex iżżomm lill-intimati milli jbigħu, ineħħu, jittrasferixxu jew jiddisponu *inter vivos* sew b'titolu oneruż jew gratuwitu l-ġid hemm imsemmi, u jiġifieri (i) l-appartamenti internament markati bin-numri 7, 8, 9, 10, 11 u 12 f'"*Bellavista Block 'A'*", fi Triq Bellavista, San Ġwann; u (ii) 15, 16, 19 u 20 f'"*Bellavista Court 'B'*", fi Triq Bellavista, San Ġwann, u dan b'ħarsien ta' pretensjoni ta' mija u ħamsin elf euro (€ 150,000) dikjarati "għall-finijiet ta' dan il-mandat" rappreżentanti "danni u ħsarat ikkaġunati fil-perkors

tal-iżvilġiment tax-xogħlijiet b'appalt mertu tal-kuntratt t'appalt bejn il-partijiet datat 10 ta' Jannar, 2018";

Rat id-degriet tagħha tat-12 ta' Awwissu, 2020, li bih laqgħet it-talba provviżorjament, ordnat in-notifika lill-intimati bi żmien għat-tweġiba u qiegħdet ir-rikors għas-smigħ tal-25 ta' Awwissu, 2020;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-intimati miżżewġin Feliċe fil-21 ta' Awwissu, 2020, li biha u għar-raġunijiet hemm imfissra, laqgħu għat-talba tal-ħruġ tal-Mandat u qalu li l-istess talba kienet abbuż tal-proċess ġudizzjarju u l-Qorti jmissha tiċħadha billi jonqsu għal kollox l-elementi mitluba mil-liġi biex tista' tintlaqa';

Rat id-dikjarazzjoni magħmula waqt is-smigħ tal-25 ta' Awwissu, 2020[1] mid-difensur tal-kumpannija rikorrenti li biha iddikjara li kien qiegħed jillimita t-talba għall-ħruġ tal-Mandat biss fir-rigward tal-appartament bin-numru sittax (16), li jagħmel mill-binja "*Bellavista Court 'B'*" u kien qiegħed jirrinunzja għat-talba dwar il-ġid l-ieħor kollu msemmi fir-rikors promotur;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet waqt is-smigħ tal-25 ta' Awwissu, 2020, f'liema data ħalliet ir-rikors għall-provvediment;

Rat l-atti kollha tar-Rikors;

***Ikkunsidrat:***

Illi tqis li l-kumpannija rikorrenti (minn issa 'l hemm imsejħa "IAS") trid li din il-Qorti żżomm lill-intimati milli b'xi mod, kemm jekk oneruż u kif ukoll gratuwitu, jneħħu jew jiddisponu minn ġid reġistrat fuq isimhom, u dan sabiex jitħarsu l-pretensjonijiet tagħha mnissla minn ftehim ta' appalt li iien sar bejnha u l-intimati dwar żvilupp ta' ġid tal-istess intimati bis-saħħa ta' ftehim ta' appalt li sar f'Jannar tal-2018[2], liema xogħlijiet kienu maħsuba li jintemmu sa żmien sbatax-il (17) xahar minn dakinhar li jinbdew;

Tqis li IAS tgħid li għandha pretensjoni kontra l-intimati fis-somma ta' mija u ħamsin elf euro (€ 150,000) b'rabta mal-istess appalt;

Tqis li, minħabba li IAS ma kinitx temmet fiż-żmien miftiehem ix-xogħlijiet appaltati, fit-30 ta' Settembru, 2019[3], saret kitba bejn il-partijiet li biha ż-żmien biex IAS ittemm ix-xogħol li kien fadal sal-aħħar tas-sena 2019 u

[1] Paġ. 90 tal-atti
[2] Dok "A", f'paġġ. 16 sa 35 tal-atti
[3] Dok "Ċ", f'paġġ. 53 – 8 tal-atti

ntrabtet li tħallas lill-intimati s-somma ta' tlitt elef euro (€ 3,000) kull xahar bħala penali b'seħħ minn Awwissu tal-2019, minħabba d-dewmien;

Tqis li, b'ittra tal-avukat tagħha tat-22 ta' Lulju, 2020[4], IAL qatgħetha li ttemm l-appalt mogħti lilha dwar ix-xogħlijiet li kien għad fadal mhux mitmuma u mħallsin minnha sa tmiem Awwissu;

Tqis li, meta l-Qorti talbet lill-avukat ta' IAS ifisser aħjar fiex tikkonsisti l-pretensjoni li l-kumpannija rikorrenti trid tħares bil-ħruġ tal-Mandat, ingħadilha li din kienet tirrigwarda danni mġarrba minnha (IAS) minħabba xkiel fit-twettiq tal-appalt min-naħa ta' terzi;

Tqis li, fit-Tweġiba tagħhom, l-intimati jgħidu li l-pretensjoni ta' IAS hija għal kollox fiergħa u lanqas jeżisti mqar jedd mad-daqqa t'għajn li hija tista' tippretendi kontrihom, billi huma kredituri tagħha;

Tqis li din il-proċedura tal-lum tressqet skond l-artikolu 874 tal-Kap 12 u trid titqies fil-qafas tal-ħtieġa li Mandat ta' Inibizzjoni, jekk jintlaqa', jkun jista' jintrabat ma' ġid li bla xkiel ikun identifikat u magħruf, ladarba l-għan ta' mandat bħal dak mhuwiex li jittrasferixxi l-ġid milqut imma biss li jidentifikah u jagħrfu minn ġid ieħor;

Tqis li għal dak li jirrigwarda s-sottomissjonijiet tal-intimati dwar jekk IAS għandhiex il-jedd mad-daqqa t'għajn li titlob il-ħruġ tal-Mandat, il-Qorti hija tal-fehma li għalkemm huwa minnu li dan l-element huwa meħtieġ bħal fil-każ ta' kull Mandat ta' Inibizzjoni ieħor, madankollu, ma jistax jingħad li l-kriterji huma l-istess. Dan jingħad għaliex, għall-finijiet tal-artikolu 874 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, il-kejl waħdieni huwa biss jekk kemm-il darba l-pretensjoni ta' min jitlob il-ħruġ ta' Mandat bħal dak taqbiżx l-ammont ta' ħdax-il elf, sitt mija u sitta u erbgħin euro u sitta u tmenin ċenteżmi (€ 11,646.86). Jekk taqbeż dik is-somma, dak l-element jikkostitwixxi l-jedd mad-daqqa t'għajn tar-rikorrenti biex jinħareġ il-Mandat minnha mitlub;

Tqis ukoll li l-artikolu 874(1) jgħid ċar li Mandat bħal dak jista' jinħareġ fuq is-saħħa ta' "dejn, jew kull pretensjoni oħra" sakemm tkun pretensjoni li taqbeż l-ammont li dwaru Mandat bħal dak jista' jinħareġ. Il-liġi ma tgħidx u ma tiddistingwix x'għamla ta' pretensjoni tista' tkun, sakemm hija pretensjoni li tissarraf f'valur ogħla mil-limitu msemmi f'dak l-artikolu. B'mod partikolari, għalhekk, jekk kreditur ikollu pretensjoni mnissla minn danni mġarrba, Mandat bħal dan jista' jinħareġ ukoll, minkejja li, taħt is-sistema ta'

[4] Dok "I", f'paġ. 81 tal-atti

Mandati ta' Inibizzjoni in ġenerali, pretensjoni li tista' tissarraf f'kumpens għad-danni mġarrba, jonqos fiha l-element tal-"ħtieġa" tal-ħruġ tal-Mandat[5];

Tqis li, minkejja t-termini partikolari tal-imsemmi artikolu, huwa meħtieġ li min jitlob il-ħruġ ta' Mandat bħal dan juri lill-Qorti x'għamla ta' pretensjoni hi u kif il-ħruġ tal-Mandat huwa meħtieġ għall-ħarsien tagħha. Minn dak li ħareġ quddiem din il-Qorti sa dakinhar tas-smigħ, IAS għadha ma ddeduċiet l-ebda pretensjoni kontra l-intimati fis-sura ta' azzjoni ġudizzjarja, u la b'azzjoni mnedija minnha u lanqas b'mod rikonvenzjonali. Ħareġ ukoll li, pretensjoni li hija ressqet kontra l-istess intimati bi ħruġ ta' Mandat kawtelatorju ieħor f'Għunju ta' din is-sena[6], ma segwitux bil-ħruġ ta' kawża fiż-żmien mogħti lilha u l-Mandat waqa' u tħassar[7];

Tqis li, minbarra dan, bħala kejl ta' dan il-jedd *prima facie,* il-liġi timxi fuq il-pretensjoni, u mhux fuq jekk dik il-pretensjoni hijiex waħda mistħoqqa jew meqjusa: dak hu biss xogħol il-qorti li quddiemha titressaq il-kawża fil-mertu. Madankollu, t-tifsira li IAS tagħti tal-pretensjoni tagħha għall-ħruġ ta' dan il-Mandat lanqas mad-daqqa t'għajn ma tissoddisfa lil din il-Qorti li hija tajba. Dan jingħad għaliex id-danni li IAS tgħid li ġarrbet bl-ebda mod ma timputahom għall-imġiba tal-intimati imma ta' terzi li mhumiex parti f'din il-proċedura;

Tqis għalhekk li fiċ-ċirkostanzi ma jirriżultax wieħed mill-elementi ewlenin maħsuba mil-liġi għall-ħruġ tal-Mandat mitlub;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda tiddeċiedi billi:

**Tiċħad it-talba** tar-rikorrenti għall-ħruġ tal-Mandat;

**Tħassar** "*contrario imperio*" d-degriet tagħha tat-12 ta' Awwissu, 2020, safejn kien għadu ma tħassarx bil-provvediment mogħti waqt is-smigħ; u

Tordna li r-rikorrenti tħallas l-**ispejjeż ta' din il-proċedura**.

Mogħti kameralment illum, it-Tnejn, 31 ta' Awwissu, 2020.

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**

---

[5] Ara P.A. NC **11.3.2003** fl-Atti tar-Rikors fl-ismijiet ***IWT Group Malta Ltd vs Direttur Ġenerali Kuntratti et***
[6] Mand. Qbid 675/20ISB fit-8.6.2020 fl-ammont ta' żewġ miljun euro (Dok "J" f'paġ. 82 tal-atti)
[7] K/Mand. 943/20ISB fl-24.7.20 (Dok "K", f'paġ. 83 tal-atti)